



2025/2253

12.11.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2253

tal-11 ta' Novembru 2025

li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(1) u l-Artikolu 27 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-verżjonijiet bil-lingwa Estonjana u Ġermaniża tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 ⁽²⁾ fihom żball fis-Subparti B, fit-Taqsima 2, fil-punt FCL.140.A(c), il-frażi introdutturja fir-rigward tar-rekwiżiti ta' attivitajiet riċenti għad-detenturi ta' LAPL(A) bi privileġġi għall-ajruplani SEP, u fis-Subparti H, fit-Taqsima 1, fil-punt FCL.710(d), il-frażi introdutturja fir-rigward tar-rekwiżiti li l-bdoti jridu jissodisfaw sabiex iżommu l-privileġġi tagħhom għal varjant ieħor ta' ingenu tal-ajru. L-iżball, imdaħħal bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2076 ⁽³⁾, jaffettwa s-sustanza ta' dawk id-dispożizzjonijiet.
- (2) Barra minn hekk, il-verżjonijiet bil-lingwa Latvjana u Portugiża tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 fihom żball fl-Appendiċi 9, fit-Taqsima A, il-punt 1e fir-rigward tad-deroga stabbilita f'dik id-dispożizzjoni. L-iżball, imdaħħal bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2076, jaffettwa s-sustanza ta' dik id-dispożizzjoni.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjonijiet bil-lingwa Estonjana, Ġermaniża, Latvjana u Portugiża tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 jiġu kkoreġuti kif xieraq. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumx affettwati.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139, li nġhatat qabel l-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2076,

⁽¹⁾ ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1178/oj>).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2076 tat-24 ta' Lulju 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1178/2011 u (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tal-kjarifika tar-rekwiżiti għall-kobdoti għal cruise relief, l-aġġornamenti tar-rekwiżiti għal-liċenzjar u ċ-ċertifikazzjoni medika tal-ekwipaġġ tat-titjira, u t-titjib fir-rigward tal-avjazzjoni ġenerali (ĠU L, 2024/2076, 25.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2076/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(Ma japplikax għal-lingwa Maltija.)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
